TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Joseph Cassar**

**Vs**

**MBL Garage Door Solutions Ltd.**

**CCT 87/22/MM**

Illum, 5 ta' Ottubru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fid-9 ta' Gunju 2022 fejn talab is-somma ta' tliet elf u seba' mitt Ewro (€ 3700) rapprezentanti hlas ta' bibien mixtrija minghand l-intimat li allegatament huma difettuzi.

Ra illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat, baqa' ma daħħal l-ebda risposta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti ordnaw zewg bibien ta' garaxx mis-soċjeta' intimata, għal liema

bibien huma ħallsu l-ammont ta' tliet elf u seba' mitt Ewro (€ 3700). Illi r-rikkorrenti jiddikjara illi dan il-bibien bdew jizviluppawlhom hsarat f'qasir zmien u ta' dan tixhed ukoll martu Helga Cassar.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota illi għas-soċjeta' intimata ma deher ħadd meta ssejjaħ il-każ u lanqas imqar ġiet ippreżentata xi tip ta' risposta u dan minkejja li ġiet debitament notifikata.

Illi fl-assjem tal-provi kollha ma hemm xejn milli jindika li l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti

m għandhiex mis-sewwa, liema verżjoni ġiet korraborata b'diversi ritratti kif ukoll dokumenti.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi jordna lis-soċjeta intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet elf u seba' mitt Ewro (€ 3700).

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

**Dr. Martha Mifsud LL.D.**

**Arbitru**